MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2014

Numru 126/2014

Il-Pulizija

(Spettur Victor Aquilina u

Spettur James Grech)

vs

Mark Galea
Stanley Bondin
Alexander Micallef
Clivion Dimech

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati ta' karta tal-identita' 368177M, 162869M, 52492M, 365193M rispettivament, akkuzati:

Kontra Mark Galea, Alexander Micallef u Clivion Dimech:

1. talli nhar it-23 ta' Dicembru 2013 f'xi hin filghodu gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u/jew f'postijiet ohra f'dawn il-gzejjer, bhala impjegati li rikbu fuq l-ajruplan tal-merkanzija miniliner MNL300 minhabba s-sengha, professjoni jew impjieg taghhom, ikkommettew serq ta' numru ta' mobile phones u tablets, liema serq huwa kwalifikat bil-Mezz, bil-Valur li jeccedi l-ammont ta' €2329.37, u bil-Persuna, ghad-detriment ta' Roderick Seychell u/jew persuna, persuni u/ jew entita jew entitajiet ohra;

   Kontra Stanley (Joseph Stanley) Bondin wahdu:

1. talli nhar it-23 ta' Dicembru 2013 f'xi hin filghodu gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u/jew f'postijiet ohra f'dawn il-gzejjer xjentement, ghen jew assista' lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt gie ippreparat jew ikkunsmat;
2. aktar talli xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew xjentement, b'kull mod indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Il-Qorti mitluba titratta ma' Mark Galea bhal recediv a tenur tal-Art. 49 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. J. Padovani LL.D. nhar l-14 ta' Marzu 2000 liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tithassar.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat lill-imputati jammettu l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqaw jinsistu fuqa anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw;

Ikkunsidrat:

Fuq l-iskorta ta' din l-ammissjoni issib u tiddikjara l-imputati hatja tal-akkuzi dedotti kontra taghhom.

Rat l-Artikolu 261 (b)(c)(d)(e), 263, 264, 265, 267, 268, 279(b) tal-Kap 9 fil-konfront tal-imputati Galea, Micallef u Dimech u l-Artikolu 42, 334, u 49 tal-Kap 9 fil-konfront tal-imputat Bondin.

Tiddeciedi ghal din id-darba biss li tilliberahom bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sentejn mill-lum..

Il-Qorti fehmet lill-imputati r-responsabilitajiet taghhom skond is-sentenza.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------